Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2003

Numru 160/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Vella**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Vella talli fis-15 ta’ Jannar, 2003 bi ksur ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Att tal-1999 dwar Servizzi ta’ l-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap. 409), fil-gazzetta Times tal-15 ta’ Jannar, 2003 (no. 7523) f’pagna 3 irreklama l-lukanda Hotel Serena Beach Club f’kategorija jew klassifikazzjoni differenti mill-kategorija jew klassifikazzjoni ufficjali moghtija mill-Awtorita` tat-Turizmu ta’ Malta, u li offra facilitajiet jew servizzi meta dawn il-facilitajiet jew servizzi fil-fatt ma kienux provvduti fiz-zmien meta sar ir-reklam (avviz);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-24 ta’ Lulju, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Vella hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundanntu multa ta’ hames mitt lira;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Joseph Vella, minnu pprezentat fl-4 ta’ Awissu, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li mkien fl-akkuza, ossia` fl-imputazzjoni jew fuq il-komparixxi, ma hemm referenza ghall-Artikolu 43(e)(f) tal-Kap. 409 “li taghhom sabitu hati l-Ewwel Qorti”. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tispjega diversi drabi, l-imputazzjoni kif migjuba fic-citazzjoni (jew fir-rapport, jekk dak li jkun jigi presentat taht arrest) ma hemmx ghalfejn ikollha fiha riferenza ghal xi disposizzjoni tal-ligi; dak li hu importanti hu li l-fatti kif migjuba jkunu kjarament jipotizzaw reat (delitt jew kontravvenzjoni), oltre, naturalment, li jrid ikun hemm il-partikolaritajiet l-ohra msemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ral-Kap. 9. Ghalhekk ma huwiex korrett l-appellant meta jilmenta li minhabba li fil-komparixxi ma hemmx referenza ghad-disposizzjoni tal-ligi, l-ewwel qorti ma “setghetx imbaghad tghaddi ghal kundanna”.

It-tieni aggravju hu, bazikament, li l-ewwel qorti ma kienitx korretta meta rriteniet li huwa kellu jinstab hati ghax “bhala licencee ghandu l-obbligu li jara li r-reklam tal-lukanda isir skond il-ligi u mhux bi ksur taghha”. F’certu sens l-appellant ghandu ragun, pero` b’daqshekk ma jfissirx li ser jigi liberat mill-imputazzjoni u mill-piena erogata mill-ewwel qorti. Il-mod kif esprimiet ruhha l-ewwel qorti donnu jimplika xi forma ta’ responsabbilta` vikarja da parti tal-licensee ghal xi reklam (bi ksur tal-ligi) li jsir minn haddiehor (e.z. l-agent ta’ l-ivjaggar, jew xi turist li tant ikun kuntent bis-servizz li jkun irceva li jipprova jaghmel kumpliment billi jirreklama l-hotel li jkun qaghad fiha bhala li hija ta’ livell ghola minn dak li tkun licenzjata ghaliha). Ma hemm xejn fil-Kap. 409 li johloq tali responsabbilta`

vikarja. Huwa min effettivament jaghmel ir-reklam li jkun qieghed jikser id-disposizzjoni tal-Artikolu 22 tal-imsemmi Kapitolu. Fil-kaz in dizamina jirrizulta abbundantement provat mid-deposizzjoni u r-rapport ta' Christine Cini Vella li kien l-appellant li kkummissjona, fis-sens li gieghel li jidher, ir-reklam f'*The Times* tal-15 ta' Janar ta' din is-sena. Jirrizulta abbundantement car ukoll li l-hotel ta' l-appellant dejjem kienet licenzjata bhala wahda *two star* u mhux *five star*.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft.) V. DeGaetano
Prim Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------